**312. Il-Ministru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji l-Onor. Edward Scicluna jipproponi:-**

Billi huwa provdut, fl-artikolu 13 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-artikolu 13 li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern ċentrali pendenti miżmum separatament fil-forma ta' ħruġ ta' strument ta' dejn huwa soġġett għal strument statutorju li jrid jiġi ntavolat fil-Parlament u jiġi approvat b'riżoluzzjoni parlamentari;

U billi fit-13 ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kien ġie riżolut li ammont massimu ta' dejn tal-Gvern ċentrali pendenti fil-forma ta' strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli ma jkunx aktar minn €300,000,000 (tliet mitt miljun euro);

U billi sal-lum l-ammont ta' dejn pendenti tal-Gvern ċentrali miżmum fil-forma ta' strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli inkluż ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta laħħaq is-somma ta' ftit anqas minn €290,000,000 (mitejn u disgħin miljun euro);

U billi f'dan iż-żmien settur partikolari tal-popolazzjoni qiegħed jintlaqat aktar ħażin mir-rati baxxi tal-imgħax, din is-sena il-Gvern se jerġa' joħroġ ammont ieħor ta' Savings Bond li joffri rata ta' imgħax aħjar minn dik li bħalissa qegħdin joffru l-banek kummerċjali;

Issa għalhekk qed jiġi b'dan riżolut li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern ċentrali pendenti fil-forma ta' strument ta' dejn tal-Gvern mhux negozjabbli inkluż ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta jkompli jiżdied għas-somma ta' mhux akar minn €400,000,000 (erba' mitt miljun euro).

**29.01.2020**